# Sigillum Dei Vivi

## Siġill t'Alla l-Ħaj

*Din it-talba speċjali hija Rigal mingħand Alla l-Missier mogħtija lill-profeta Maria Ħniena Divina għall-protezzjoni tal-ulied kollha t`Alla.*
*Messaġġ mogħti 20 ta' Frar 2012*




*Dawk kollha li jaċċettaw dan is-Siġill jiġu offruti protezzjoni għal kull wieħed minnkom u għall-familji tagħkom matul iż-żmien li jwassal għat-Tieni Miġja ta' Ġesu' Kristu.*

*Qumu u aċċettaw is-Siġill Tiegħi, s-Siġill t'Alla l-Ħaj. Għidu din it-talba tal-Kruċjata Nru 33, biex tirrikonoxxu s-Siġill Tiegħi u taċċettawH b'imħabba, ferħ u gratitudni.*

***O Alla Tiegħi, maħbub Missieri, naċċetta b'imħabba u gratitudni s-Siġill Divin Tiegħek ta' Protezzjoni. Id-Divinita' Tiegħek tinkludini bir-ruħ u bil-ġisem għall-Eternita'. Insellimlek b'umilta' u radd il-ħajr u noffrilek imħabba profonda u lealta', Lilek maħbub Missieri. Nitolbok biex tipproteġi lili u lill-maħbubin tiegħi, b'dan is-Siġill speċjali u nagħti ħajti għas-servizz tiegħek għal dejjem ta' dejjem. Inħobbok Għażiż Missier. Nikkunslak f'dawn iż-żminijiet Għażiż Missier. Noffrilek il-Ġisem, id-Demm, ir-Ruħ u d-Divinita' t'Ibnek il-Għażiż, bi tpattija għad-dnubiet tad-dinja u għas-salvazzjoni ta' wliedek kollha. Ammen.***

*Morru, wliedi u la tibżgħux. Afdaw Lili Missierkom il-Għażiż, li b'imħabba ħoloq lil kull wieħed minnkom. Jiena naf lil kull ruħ, kull parti minnkom hija magħrufa Minni. L-ebda wieħed minnkom m'hu maħbub anqas mill-ieħor. Minħabba f'hekk ma rridx nitlef l-ebda ruħ. Lanqas waħda. Nitlobkom tkomplu titolbu t-talba tal-Ħniena Divina kuljum. Xi darba, intom se tifhmu għaliex din il-purifikazzjoni hija meħtieġa.*

*L-Missier maħbub tagħkom fis-sema*

*Alla l-Iżjed Għoli*